MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 645/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Christopher Pullicino**
**Spettur Dennis Theuma**

**vs**

**Raymond Calleja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Raymond Calleja, ta’ 35 sena, iben Francis u Victoria nee Muscat, imwieled Naxxar fit-8 ta’ Frar, 1967 u joqghod 7, Binja tal-Gvern, Mall Street, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita Nru. 129872(M) gie mressaq quddiemha akkuzat:

F’xi lejl bejn is-16 u t-18 ta’ Lulju 2002 f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn proprjeta’ privata sitwata fi Triq Santa Maria, gewwa l-Maghtab limiti tan-

Naxxar, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment ta’ Victor Chetcuti minn Naxxar;

U aktar talli fil-Maghtab limiti tan-Naxxar fil-25 ta’ Lulju 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, izda mhux aktar minn elf lira, li gew mehduda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxxihom;

Fl-ahhar nett nakkuzawh ukoll talli fil-25 ta’ Lulju 2002 halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew Ufficjal iehor minnhom inkarigat, li kellu is-setgha b’ligi li jaghti l-gurament;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta’ Awwissu, 2002 (esebit *a folio* 18 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ Marzu, 2003 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Saret it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serqa li saret bejn is-16 u it-18 ta’ Lulju 2002 minn ghalqa sitwata fi Triq Santa Marija, il-Maghtab liema ghalqa kienet propjeta’ ta’ certu Victor Chetcuti u fejn insterqu madwar tletin sigra taz-zebbug li kienu jiswew madwar Lm60, mutur tal-hart li kien jiswa madwar Lm250, pompa tal-ilma li kienet tiswa Lm100 u xi ghodod agrikoli ohra. Mill-provi rrizulta li fit-18 ta’ Lulju

2002 l-imsemmi Victor Chetcuti ghamel rapport dwar din is-serqa fl-Ghassa tan-Naxxar. Fl-24 ta' Lulju 2002 l-istess Victor Chetcuti rega' ghamel rapport iehor l-Ghassa tan-Naxxar fejn spjega li persuna li xtaqet tibqa' anonima kienet indikatlu li l-affarijiet li kienu insterqulu kienu qeghdin f'ghalqa u f'xi garaxxiijiet f'Haz-Zebbug liema ghalqa u garaxxijiet kienu propjeta' ta' certu Raymond Calleja minn Haz-Zebbug, u cioe' l-imputat odjern. Huwa informa lil Pulizija li kien diga' mar fuq il-post indikat lilu u kien gharaf uhud mis-sigar taz-zebbug li kienu insterqulu fil-jiem precedenti fis-sens illi fl-ghalqa propjeta' tal-imputat kien hemm mizrughin parti mis-sigar li nsterqulu.

Dwar din is-serqa saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 21 et sequitur tal-atti pocesswali) fejn gew mahtura diversi esperti sabiex jassistu lil Magistrat Inkwirenti u li n-nomina taghhom giet konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tat-12 ta' Marzu 2003. Wiehed mill-esperti nominati kien Dr. Ludvic Caruana li kellu l-inkarigu fost affariijiet ohra li jisma' x-xhieda tal-imputat odjern Raymond Calleja kif ukoll sabiex jaccedi fuq il-post fejn saret is-serqa u anki fil-propjeta' ta' Raymond Calleja sabiex jaghmel dawk l-osservazzjonijiet kollha li kellhom x'jaqsmu mal-kaz. Mill-atti jirrizulta li waqt l-access li sar fl-ghalqa ta' Raymond Calleja fil-limiti ta' Haz-Zebbug gie kkonstatat li kien hemm disa' sigriet taz-zebbug minn dawk li kienu gew misruqa mill-propjeta ta' Victor Chetcuti  u dan tal-ahhar gharaf is-sigar peress li kellhom bhala support injama kwadra, kellhom ukoll cinturin tal-plastic ta' kulur iswed u qafla maghmula minn parti minn tyre. Raymond Calleja xehed darbtejn bil-gurament quddiem l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, l-ewwel darba xehed fil-25 ta' Lulju 2002 (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 115 sa 117 tal-process) fejn qal illi erba' mis-sigriet taz-zebbug misjuba fl-ghalqa tieghu kien xtrahom minghand il-Flower Power filwaqt li hamsa ohra kien xtrahom minn Burmarrad u r-rimanenti kien akkwistahom mir-razzett ta' Kristinu u Charles ahwa Grech. Huwa spjega li kien qed jaghmel xi xoghlijiet ta' tqattigh ta' blat fil-propjeta' tal-ahwa Grech fil-Maghtab u peress li fir-razzett kien hemm kantuniera b'sigar taz-zebbug maqlughin huwa talabhom xi erba'

minnhom u l-ahwa Grech qalulu li seta’ jghabbi xi uhud minnhom. L-imputat f’dik l-okkazzjoni qal li ma kien hallas xejn ghal dawn is-sigar u li ma kien staqsa xejn dwar il-provenjenza taghhom. Huwa innega li kien qatt acceda fl-ghalqa ta’ Victor Chetcuti u li qatt seraq sigar jew xi rombli ta’ mutur tal-hart jew pajpijiet tal-ilma minn din l-ghalqa. F’deposizzjoni sussegwenti waqt seduta li saret fis-26 ta’ Lulju 2002 l-imputat Raymond Calleja biddel ghal kollox il-verzjoni tal-fatti u din id-darba xehed li f’dawk l-ahhar erba’ gimghat kien qed iqatta’ xi blat f’razzet propjeta’ tal-ahwa Kristinu u Charles Grech fil-limiti tal-Maghtab u darba minnhom meta kien spicca mix-xoghol u kien sejjer lejn id-dar l-ahwa Grech stednuh sabiex imur maghhom f’ghalqa ohra fil-Mghatab sabiex jghabbu mutur. Dan kien ghall-habta tat-8.30pm. Huwa qal li accetta li jmur maghhom u marru fuq il-post bil-vann tieghu bin-numru tar-registrazzjoni HAT 235 fejn l-ahwa Grech rikbu mieghu fil-vann u malli waqfu quddiem l-ghalqa l-imputat ipparkja il-vann tieghu b’mod parallel quddiem ix-xatba tal-ghalqa bil-kabina tal-vann kemm kemm il-fuq mix-xatba. Calleja qal l ma kienx jaf jekk l-ahwa Grech dahlux fl-ghalqa billi ixxatbu mal-hajt u qabzu jew jekk altrimenti fethux ix-xatba bic-cavetta. Huwa qal li l-ahwa Grech qalulu sabiex jidhol fl-ghalqa bil-vann u huwa dahal bil-quddiem u wasal sa kwazi nofs l-ghalqa. Dejjem skond Calleja l-ahwa Grech ghabbew mutur tal-hart ghal fuq il-vann tieghu, kif ukoll ghabbew pajp tal-ilma u qalghu madwar tletin sigra taz-zebbug u wkoll ghabbewhom ghal fuq il-vann. L-imputat qal li meta ra lill-ahwa Grech jaqilghu is-sigar mill-hamrija gieh is-suspett li dawn setghu kienu qed jinsterqu u meta huwa qal lill-ahwa Grech *‘dawn qeghdin tippruvaw tisirquhom mhux taghkom l-ghalqa’* huma qalulu imxi mmorru ghaliex ghandna bzonnhom ghal taht il-hajt fir-razzett taghna. L-imputat qal li huma mbaghad irritornaw fir-razzett tal-ahwa Grech fejn hattew l-affarijiet u huwa ha bejn erba u disa’ sigriet taz-zebbug u hawwilhom fir-razzet tieghu.

Minn aktar investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija wara din it-tieni deposizzjoni moghtija mill-imputat u precizament minn tfittix li sar fil-propjeta’ tal-ahwa Grech instabu il-mutur tal-hart li kien insteraq mill-ghalqa ta’ Victor

Chetcuti u li l-imputat odjern identifika bhala il-mutur tal-hart li kienu ghabbew mill-ghalqa hu u l-ahwa Grech u instabu wkoll xi partijiet mis-sigar taz-zebbug l-ohra li kienu nsterqu mil-ghalqa ta' Chetcuti kif ukoll mutur tal-bahar li wara rrizulta li wkoll kien misruq izda li ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa li tifforma parti mill-mertu tal-kawza odjerna.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Raymond Calleja ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 248 sa 251 tal-process) fejn qal li kien qed jaghmel xi xoghol fil-propjeta' tal-ahwa Grech u dawn talbuh imur maghhom bil-vann tieghu sabiex jghabbu mutur tal-hart peress li l-vann taghhom kien bil-hsara. Huwa qal li ra lil wiehed mill-ahwa Grech jiftah il-bieba tal-ghalqa u meta dahal bil-vann tieghu huma ghabbew il-mutur tal-hart u bdew jaqilghu xi sigar taz-zebbug li kien hemm imhawlin u jitfawhom fil-vann. L-imputat qal li meta staqsihom ghalfejn kienu qed jaqilghu is-sigar l-ahwa Grech ikkonvincewh li s-sigar kienu taghhom.  Wara hadu kollox ir-razzett tal-ahwa Grech u dawn tal-ahhar tawh madwar sitta minn dawn is-sigar. Huwa qal li qabel ma mar id-dar waqaf  quddiem kazin fin-Naxxar sabiex jixtri pakkett sigaretti u kellu is-sigar fuq wara tal-vann b'mod li seta' jarahom kulhadd.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien ko-awtur mal-ahwa Grech fis-serqa li saret mill-ghalqa propjeta' ta' Victor Chetcuti minn fejn ittiehdu madwar tletin sigra taz-zebbug, mutur tal-hart u pompa tal-ilma. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox ghaliex parti mir-res furtiva instabet fil-propjeta' tal-imputat u aktar u aktar ghaliex l-istess imputat l-ewwel ghazel li jghid li uhud mis-sigar kien xtrahom u l-ohrajn kienu gew moghtija lilu mill-ahwa Grech waqt li kien qed jaghmlilhom xi xoghol fir-razzett taghhom u fejn cahad li qatt kien acceda fl-ghalqa propjeta' ta' Victor Chetcuti jew li ha xi sigar ohra jew xi

mutur tal-hart jew xi pompa tal-ilma izda imbaghad wara jumejn biddel il-verzjoni kompletament u ammetta li kien mar mal-ahwa Grech fl-ghalqa ta' Chetcuti fejn ittiehdu l-mutur tal-hart u s-sigar kif ukoll il-pompa tal-ilma. Il-Qorti jidrilha li il-fatt li l-imputat ghall-ewwel ghazel li jahbi li huwa effettivament kien mar fl-ghalqa ta' Chetcuti hija indikazzjoni cara li huwa kellu x'jahbi. Il-Qorti jidrilha inoltre li mix-xhieda tieghu stess tas-26 ta' Lulju 2002 jirrizulta li huwa kien jaf li l-oggetti li kienu qed jigu mehuda mill-ghalqa kienu qed jinsterqu. Irid jigi rilevat li meta xehed quddiem l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti l-imputat qal li kien gih is-suspett li l-affarijiet kienu qed jinsterqu u meta staqsa lill-ahwa Grech dawn qalulu li kellhom bzonnhom ghal taht il-hajt mentri meta xehed quddiem din il-Qorti huwa rega' biddel il-verzjoni u qal li l-ahwa Grech kienu kkonvincewh li l-oggetti li kienu qed jittiehdu kienu taghhom. Irid inoltre jigi rilevat li meta l-imputat xehed quddiem Dr. Caruana huwa qal li ma kienx jaf jekk l-ahwa Grech kienux fethu il-bieb tal-ghalqa jew altrimenti ixxabtux mal-hajt sabiex jidhlu fl-ghalqa izda meta xehed quddiem din il-Qorti huwa qal li kien ra lill-ahwa Grech jifthu il-bieb tal-ghalqa. In vista ta' dawn l-inkonsistenzi kollha l-Qorti ssibha difficli hafna temmen lill-imputat meta jghid li huwa ma kienx jaf li l-oggetti li kienu qed jittiehdu mill-ghalqa kienu qed jinsterqu aktar u aktar meta wiehed iqis li dawn l-affarijiet kienu qed jittiehdu minn ghalqa f'nofs il-kampanja fid-dlam. Din il-Qorti terga' tirribadixxi li ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien ko-awtur flimkien mal-ahwa Grech fis-serqa li saret mill-ghalqa ta' Victor Chetcuti u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Una volta li l-imputat sejjer jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu isegwi li l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza, u cioe' dik ta' ricettazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha wkoll li il-Prosekuzzjoni rnexxxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ha gurament falz fil-25 ta' Lulju 2002 meta xehed quddiem Dr. Ludvic Caruana li kien l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti bl-inkarigu anki sabiex jisma' x'xhieda tal-imputat u ta' nies ohra u dan qed jinghad ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafi precedenti fejn diga' gie indikat li l-imputat xehed darbtejn bil-gurament quddiem Dr. Caruana fejn fil-25 ta' Lulju 2002 huwa qal li qatt ma kien resaq lejn l-ghalqa propjeta' ta' Victor Chetcuti jew ha xi mutur tal-hart, sigar jew affarijiet ohra izda imbaghad l-ghada rega' xehed bil-gurmaent u biddel il-verzjoni u rrrakkonta kif huwa kien akkompanja lil ahwa Grech fl-ghalqa ta' Chetcuti fejn kienu hadu l-oggetti msemmija aktar il-fuq. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat it-trapass ta' zmien minn meta inbdew dawn il-proceduri sakemm waslu sabiex jigu finalment decizi, ikkunsidrat ukoll li ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hijiex wahda netta jidher li fil-passat huwa nstab hati ta' reati u kontravenzjonijiet tat-traffiku u affarijiet ohra relatati. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 262(b), 263, 267, 270, 276, 277, 108(1),17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1) u tat-tielet(3) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hmistax(15)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum. In vista tal-fatt li t-tieni(2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel(1) akkuza, l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------